MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 743/2007

**GO p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Shirley Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avvizipprezentat fl-1 ta` Ottubru, tas-sena 2007 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm1,279.72c, rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut mill-konvenuta in konnessjoni ma` servizz tat-telefon li jgib in-numru 21802388, account number 10044518, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

Ezamina wkoll id-dokumenti ezebiti ma` l-istess avviz Dok. A, Dok. B u Dok. C.

Gie notat illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` lil Dottoressa Dr. Ingrid Zammit Young prodotta mis-socjeta` attrici li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi l-konvenuta kienet baqghet ma pprezentat ebda pagament lis-socjeta` attrici.

Gie notat ukoll illi l-konvenuta ghalkemm imsejha diversi drabi baqghet ma deheretx fis-seduta ta` llum.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta Shirley Cassar sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` Lm1,279.72c, ekwivalenti llum ghas-somma ta` €2,980.94c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------